MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 40/1999/2

**Veronica Camilleri**

**vs**

**Joseph Thorne u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 1999, giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Azzopardi Waterproofing Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Dicembru 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fit-12 ta' Jannar, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tmenin

lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm389.34) bhala danni kontrattwali dovuti mill-konvenut lill-attrici wara li l-konvenut qeda hazin l-inkarigu lilu moghti mill-attrici sabiex iwahhal "membrane" fuq il-bejt tal-proprjeta' taghha. Bhala rizultat ta' xoghol hazin, il-"membrane" kellu jinqala u jitqieghed iehor gdid bl-ispiza msemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra bonarja tal-5 ta' Novembru, 1998, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 2525/98 NS kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba fl-ismijiet premessi ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti qeda hazin l-inkarigu lilu moghti tat-twahhil ta' "membrane" fuq il-proprjeta' tal-attrici.

Anzi l-esponenti jissottometti illi huwa esplita l-inkarigu lilu moghti mill-attrici skond l-arti u s-sengha kif ser ikun ampjament ippruvat waqt il-kawza;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-materjal li ntuza fit-tqeghid tal-"membrane" kien difettuz kif irrizulta proprju wara li tqieghed fuq il-bejt tal-attrici, ghal liema difett hija responsabbli unikament is-socjeta' Azzopardi Waterproofing Ltd, minghand min l-esponenti xtraw il-materjal difettuz.

Illi, ghalhekk, l-esponenti qieghed jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Azzopardi Warterproofing Ltd stante li kienet hi li kkawzat id-danni reklamati mill-attrici bil-materjal difettuz li fornit lill-esponenti, bl-liema difett l-esponenti sar jaf proprju wara li twahhal il-materjal in kwistjoni.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun hemm il-kaz.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Marzu, 1999, fejn ordnat il-kjamat fil-kawza tas-socjeta’ Azzopardi Waterproofing Ltd;

Rat in Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata fil-kawza Azzopardi Waterproofing Ltd fejn ecceppiet:

1. Illi t-talbiet attrici u l-pretensjonijiet tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi l-materjal mibjugh mis-socjeta’ kjamata fil-kawza lill-konvenut Joseph Thorne ma kien bl-ebda mod difettuz kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghadaqstant, hija ma tistax tigi tenuta reponsabbli ghal kwalsiasi danni rizultanti mill-operat tal-konvenut Joseph Thorne fit-tqeghid tal-“membrane”;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien il-konvenut l-iehor Joseph Thorne illi ma qediex l-inkarigu tieghu skond l-arti u s-sengha u ghaldaqstant, ghandu jinstab unikament responsabbli ghal kwalsiasi danni pretizi;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ eccipjenti m’ghandhiex tbati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ April, 1999, fejn innominat lit-tekniku Vincent Ciliberti sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat ir-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat,ipprezentat fis-27 ta’ April, 2000, u mahlufa fil-5 ta’ Gunju, 2000;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attrici qabbdet lill-konvenut Joseph Thorne  sabiex jaghmilla sistema ta' *waterproofing* fuq il-bejt taghha.  Thorne xtara l-*membrane* minghand is-socjeta' kjamata fil-kawza Azzopardi Waterproofing Ltd., u ha hsieb iqieghed dan il-*membrane* huwa stess.

Gara pero', li dan ix-xoghol ma kienx sodisfacenti u ghalhekk l-attrici harrket lill-konvenut ghad-danni kawzati minhabba x-xoghol hazin illi sar.

Min-naha l-ohra, l-konvenut qieghed jghid illi x-xoghol illi ghamel huwa kien sewwa u skond is-sengha, izda gie supplit mis-socjeta' kjamata fil-kawza b'materjal difettuz.

Kien ghalhekk illi l-Qorti nnominat lit-tekniku Vincent Ciliberti sabiex jindaga kif kienet din il-kwistjoni umin kellu ragun.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tat-tekniku fuq imsemmi fejn kien ta' l-opinjoni illi r-responsabbilta ghandha tigi akkolta nterament fuq il-kjamat fil-kawza (Fol. 45).

Irrizulta, illi meta l-konvenut xtara l-materjal minghand is-socjeta' Azzopardi Waterproofing Ltd., din ta' l-ahhar ma taghtx *datasheet* jew istruzzjonijiet ta' l-uzu tal-materjal. Kien ghalhekk li l-konvenut hadem dan il-materjal skond il-prassi normali ghall-bjut Maltin.

Irrizulta pero', li l-*membrane* supplit ma kienx tajjeb ghal soqfa catti.  Fil-fatt a Fol. 44 tal-process il-perit tekniku jikkonkludi illi, "Il-*membrane* li tqieghed mill-konvenut kien ta' tip illi ma kellux jintuza fuq bejt catt.  Id-*datasheet* titkellem car dwar dan.  Taht it-titolu *areas of use* id-*datasheet* tghid, "The application of ruberal and rumbit is not advisable on flat roofs.  Typical examples of use of ruberal and rumbit are the covering of attics, sloping roofs, domes etc."

L-istess jista' jinghad ghal mod kif tqieghed il-*membrane*, jigifieri f'tulijiet ta' aktar minn hames metri, dan ukoll imur kontra r-rakkomandazzjonijiet tad-*datasheet*.

Illi mix-xhieda migbura, jirrizulta li l-konvenut ma kienx konxju ta' dawn ir-restrizzjonijiet, u hadd ma gibidlu l-attenzjoni taghhom".

Fl-ahhar it-tekniku jirrakommanda, "Fl-opinjoni ta' l-esponent kien ikun ferm xieraq, kif inhi l-prattika, li minflok ma klijent jitlob l-informazzjoni dwar il-materjal li jkun qieghed jixtri, l-informazzjoni tkun mall-materjal innifsu u b'hekk il-klijent ikun f'posizzjoni li jaghmel ix-xoghol kif suppost u skond l-ispecifikazzjonijiet tal-manifattur."

Ghalhekk, il-perit tekniku kkonkluda illi tad-danni subiti ghandhom ikunu responsabbli s-socjeta' kjamata fil-kawza peress illi naqset illi tonora l-obbligazzjonijiet taghha billi tissuplixxi mal-materjal istruzzjonijiet u *datasheet*s adekwati sabiex ix-xoghol ikun jista' jsir skond l-arti u s-sengha.

Il-Qorti taqbel ma' dawn l-argumenti migjuba mill-perit tekniku u ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddepartixxi minnhom, aktar u aktar minhabba n-natur teknika taghhom.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet <u>Benjamin Camilleri Noe vs Charles Debattista Noe</u> fid-9 ta' Frar, 2001, il-Qorti qalet, "L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament mill-perit tekniku, bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan, pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola huwa stabbilit anki mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellix twarrab u tiskarta opinjoni tal-perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, tikkonsistitwixxi element ta' prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."

Din il-Qorti jidhrilha li r-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat hija prova determinanti ghall-ezitu ta' l-istanza attrici u ghalhekk il-Qorti sakemm ma rrizultalhiex mod iehor, kif fil-fatt ma rrizultax, ghandha toqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit nominat.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' kjamata fil-kawza Azzopardi Waterproofing Ltd. illi thallas lill-attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm389.34) bhala danni kontrattwali dovuti mis-socjeta' kjamata fil-kawza lill-attrici wara illi giet moghtija *membrane* fuq il-bejt tal-proprjeta' taghha illi ma kienx tajjeb ghall-uzu illi kien intiz ghalih.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza Azzopardi Waterproofing Ltd."

Is-socjeta` msejha fil-kawza appellat minn din is-sentenza bl-obbjezzjoni illi l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-ligi. Essenzjalment l-aggravji taghha jinsabu redatti kif gej:-

1. Kif impustata t-talba fuq l-assunt ta' xoghol ezegwit hazin din ma setghet qatt taghmel stat fil-konfront taghha billi hi kienet biss fornitrici tal-materjal. Tissottometti ghalhekk illi ma jezisti l-ebda ness guridiku bejn ir-raguni tat-talba u l-posizzjoni taghha qua venditrici.
2. Jekk kif kostatat mill-perit tekniku l-oggett vendut ma kienx difettuz, u r-rizultanzi peritali ddeterminaw illi r-raguni kienet wahda ta' ghazla zbaljata tat-tip ta' materjal li gie applikat, ghall-azzjoni proposta ghad-danni kellu jwiegeb il-konvenut billi dan inghata dak li talab. Izzid tissottometti illi jekk dan ma hax il-briga li jezamina l-brochure u l-ispecifications u lanqas ma talab skjarimenti minn ghandha fuq it-tip tal-materjal, kellu jkun hu li jassumi r-responsabilita` ghall-materjal li xtara.

Fit-twegiba tal-attrici appellata ghall-appell hekk interpost, apparti r-riflessjoni taghha fuq l-ewwel aggravju li ser jigi kummentat aktar l-isfel, gie minnha sostnut illi daqskemm kien fi htija l-kjamat in kawza ugwalment kellu htija l-konvenut li ma kienx aktar attent u specifiku mal-venditur fil-mument meta xtara l-materjal.

Ta’ min jinnota illi l-attrici appellata ma ghamlet l-ebda dikjarazzjoni fir-risposta taghha illi kienet qed tappella incidentalment, kif hekk irid proprju s-subinciz (2) ghall-Artikolu 240 tal-Kap 12. Konsegwentement anke kieku kellha tinghata raguni fl-asserzjoni taghha, din il-Qorti ma tkunx tista’ imbaghad tikkundanna lill-konvenut in kwantu ma jkun sar l-ebda appell incidentali “kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 144” – Art 240 subinciz (1) tal-Kap 12.

Dan premess, l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti hu destinat li jfalli fuq zewg livelli:-

1. Fl-ewwel lok jigi osservat illi mkien fil-kors tas-smiegh u trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma ssollevat, la bhala sottomissjoni u wisq anqas bhala eccezzjoni, l-karenza tar-rapport guridiku bejn il-qaghda taghha qua venditrici u r-raguni u l-obbjett tad-domanda attrici rigwardanti ezekuzzjoni hazina tax-xoghol appaltat. F’kaz bhal dan, kif pacifikament akkolt, jinsab ritenut li ma huwiex lecitu li s-socjeta` appellanti tqajjem materja ta’ din ix-xorta quddiem il-Qorti ta’ revizjoni (Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet “**Malcolm Cachia noe –vs- Joseph Apps nomine**”, Appell, 30 ta’ Gunju 1997);
2. F’kull kaz, kif sewwa rilevat mill-konvenut appellat, kellu jsib applikabilita` dak dettat fl-Artikolu 213 tal-Kap 12 riferibilment ghal kawzi quddiem qorti civili ta’ gurisdizzjoni nferjuri.

Jirrizulta illi l-ewwel Qorti adoperat il-perizja ta’ l-espert tekniku nominat minnha u ghamlet taghha l-konkluzjoni illi l-materja kellha tigi vizwalizzata mhux mill-ottika ta’ xoghol ezegwit hazin, gjaladarba wkoll dan ma setghax jigi determinat minnu in vista li l-‘membrane’ kienet inqalghet u sostitwita minn terzi, u lanqas mill-punto di vista tad-difett fil-materjal, izda sostanzjalment mill-perspettiva ta’ ghazla zbaljata fit-tip ta’ materjal li gie applikat ghall-bejt tal-fond ta’ l-attrici.

Tali kostatazzjoni necessarjament tisposta t-terren tal-azzjoni minn wahda inerenti ghall-istitut “Fuq l-Appalt”

ghal wahda relattiva ghan-normi li jittrattaw "Fuq il-Bejgh", anke jekk mhux eskluz illi l-ewwel istitut jikkomprendi wkoll elementi affini ma' bejgh, tant li xi awturi fuq is-suggett jikkonsidrawh bhala kuntratt mist.

Hi disposizzjoni espressa tal-ligi illi "il-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha" (Art 1378 tal-Kodici Civili). Garanzija li tista' titqies impenn kontrattwali da parti tal-bejjiegh fir-rigward tal-bonta`, l-integrita` u l-addattabilita` tal-oggett ghall-iskop ta' uzu li ghalih l-oggett hu destinat. Kemm dawn il-kwalitajiet essenzjali kif ukoll dik l-ohra materjali tal-assenza tal-vizzji jifformaw, tista' tghid, il-parametri tal-garanzija. Huwa imbaghad pacifiku illi garanzija bhal din tippostula illi l-bejgh ghandu bhala oggett hwejjeg destinati li jipperduraw (anke jekk mhux f'sens assolut) fiz-zmien u fi stat ta' funzjonament jew addattabilita` idonea u strumentali. Minn dan dedott huwa logiku illi l-kontenut tal-garanzija ghandu rabta sostanzjali mat-tip tal-oggett mibjugh u r-rizultat li l-akkwirent ikun qed jaspira ghalih.

Issa s-socjeta` appellanti tikkontendi li l-inizzjattiva dwar l-ghazla tat-tip ta' membrane kienet kollha tal-konvenut appellat. Minn naha l-ohra hi stess tirrikonoxxi li t-tip ta' membrane maghzul mill-konvenut ma kienx rakkomandabbli fuq bjut catti tant li kif konfessat mir-rapprezentant taghha "ma nirrakomandahx" (fol 86).

L-espert tekniku jesprimi l-fehma illi gjaladarba, kif mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti stess ammess, kien maghruf minnu illi l-bjut f'Malta huma kollha catti, s-socjeta` tieghu kellha tattira l-attenzjoni tax-xerrej ghall-fatt illi l-membrane supplita kienet inidonea ghall-bjut bhal dawn. Kien suggerit li hu jghaddi lix-xerrej tempestivament mal-bejgh it-taghrif mehtieg, u mhux sempliciment iserrah rasu illi ghax l-informazzjoni dwar it-tip tal-materjal kienet kontenuta fi 'brochure' jew 'data sheet' fuq bank fl-ufficcju tieghu, din kienet tibbasta biex tiskulpah. Multo magis, imbaghad, meta kif irrizulta mill-provi l-konvenut xerrej ma kienx konsapevoli tar-restrizzjonijiet kontenuti fl-'ispecifications' jew 'data sheet'

u l-venditur ma attiralux l-attenzjoni tieghu dwarhom. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol 88 u 89 tal-process.

Fl-opera klassika tieghu “La Vendita e la Permuta” (Edizzjoni 1972) l-awtur **C. Massimo Bianca** jafferma illi “quando l’acquirente sceglie un bene specifico sul falso presupposto che esso possa servire per uno scopo che e` estraneo alla sua normale utilizzazione, in tal caso il compratore e` semplicimente in errore sulle qualita` del bene, e l’eventuale enunciazione dello scopo perseguito puo` avere rilievo solo nel senso di rendere tale errore riconoscibile. Il venditore che riconosce l’errore dell’acquirente o che avrebbe dovuto riconoscerlo secondo la normale diligenza incorre in responsabilita` precontrattuale” (pagna 263).

Ghall-Qorti kif hekk jidher li kien ghall-espert tekniku dan jidher bil-wisq logiku in kwantu gjaladarba kien ben maghruf mis-socjeta` venditrici illi dik it-tip partikolari ta’ membrane kienet teskludi l-attittudni taghha ghall-bjut catti, kif mill-istess socjeta` venditrici rikonoxxut li huma generalment u fil-maggoranza l-bjut f’pajjizna, kien jinkombi fuqu li jinforma b’dan lix-xerrej. Xerrej dan li f’dak il-mument partikolari jkun qieghed, anke jekk tacitament, iqieghed l-affidament kollu tieghu fuq l-esperjenza u l-gudizzju tal-venditur.

In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddipartixxi mir-rizultanzi peritali, li baqghu del resto ukoll inattakkati, u ghalhekk billi wkoll ma ssibx raguni biex issostni l-aggravji ser tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti kjamata fil-kawza.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------